# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-25 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 539/2014**

**Christopher Ciantar**
**(ID 236171 M)**

**vs.**

1. **Il-Prim Ministru**
2. **Is-Segretarju Permanenti Principali u**
3. **L-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Gvern**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-20 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi gie impjegat fis-servizz pubbliku fiz-19 t'April, 1994;

1.2. Illi inhatar Direttur fil-22 ta' Settembru, fil-2005;

1.3. Illi inhatar Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fiz-17 t'April, 2008, u kkonfermat fl-istess kariga fiz-17 t'April, 2011;

1.4. Illi fit-12 ta' Marzu, 2013, kien verbalment mitlub mis-Segretarju Permanenti Principali biex joffri r-rizenja tieghu mill-kariga li kien qieghed jokkupa;

1.5. Illi permezz t'*email* tal-istess data indikata fil-paragrafu precedenti informa lill-interlokutur tieghu hemm ukoll indikat li kien qed jirrifjuta joffri tali rizenja, u dan *stante* li m'hemm l-ebda obbligu statutorju, jew Kostituzzjonali, jew kuntrattwali, li jaghmel dan wara elezzjoni generali;

1.6. Illi permezz t'ittra datata s-26 ta' Marzu, 2013, iffirmata mill-istess Segretarju Permanenti Principali, kien informat li l-kuntratt tieghu kien terminat u kellu ghalhekk jirritorna fil-grad sostantiv tieghu;

1.7. Illi l-esekuzzjoni tad-doveri lavorattivi tieghu dejjem kienet ta' grad "eccellenti";

1.8. Illi minkejja dan, xorta wahda gie estromess mill-posizzjoni tieghu;

1.9. Illi dan irrekalu danni konsistenti:

1.9.1. F'telf finanzjarju;

1.9.2. Hsara fil-prospetti karrieristici tieghu;

1.9.3. Ghal ftit xhur kien ikun intitolat joghla minn Ufficjal fi Skala Numru 4 ghal dak fi Skala Numru 2;

1.10. Illi kif indika fl-ittra ufficjali tieghu datata l-5 ta' Frar, 2014, ma setghax jigi mgieghel jirrezenja jew jitnehha mill-

kariga *de quo* hlief ghal ragunijiet oggettivament gustifikabbli attribwiti lilu;

1.11. Illi lanqas jirrizulta li kien hemm il-kortesija ta' risposta ghall-ittra ufficjali *de quo*;

1.12. Illi r-raguni ghat-tkeccija/tnehhija tieghu hi ovvjament illaccjata unikament mal-bidla fil-Gvern wara l-elezzjoni tal-2013;

1.13. Illi anke wara li tnehha mill-kariga *de quo* baqa' jigi trattat ingustament *stante* li kien applika ghal posizzjoni ta' Direttur Generali minghajr success *nonostante* li kellu esperjenza enormi fir-rigward;

1.14. Illi dan jammonta ghal ksur tal-kuntratt u/jew tad-drittijiet civili tieghu u hu rizultat ta' trattament inaccettabbli f'socjeta` demokratika u ghalhekk, diskriminatorju;

1.15. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.15.1. Tiddikjara li dak li sar fil-konfront tar-rikorrenti mill-intimati kien bi ksur tal-kuntratt tieghu u bi ksur tad-drittijiet civili tieghu li jkun ittrattat b'mod gust u minghajr diskriminazzjoni;

1.15.2. Tillikwida d-danni ikkagunati lilhu bhala rizultat tal-agir illegali tal-istess intimati;

1.15.3. Tordna l-hlas tad-danni hekk likwidati kontra l-intimati;

1.15.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2.0. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 21);

2.1. Illi preliminarjament il-lanjanza tar-rikorrenti ma tinkwadrax fil-mansjonijiet tal-intimat Avukat Generali;

2.2. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimat Avukat Generali u ghalhekk l-istess ghandu jigi dikjarat li mhux il-legittimu kontradittur u konsegwentment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *a tenur* tal-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.3. Illi fil-mertu jigi sottomess sintetikament is-segwenti:

2.3.1. Illi l-allegazzjonijiet u talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.3.2. Illi fil-klawsola 3 tal-kuntratt tal-Ftehim ta' Ingagg u Prestazzjoni, (ara foll 6), hemm rilevat li l-ingagg *de quo* hu suggett ghat-terminazzjoni *ai termini* tal-artiklu 92(3) tal-Kostituzzjoni, ghalkemm f'dawn il-kazijiet il-Gvern normalment jaghti notifika ta' disghin (90) gurnata li fiha jinkludi r-ragunijiet ghal tali terminazzjoni;

2.3.3. Illi l-ittra ta' terminazzjoni datata is-26 ta' Marzu, 2013, (ara foll 20), saret in konformita` mal-imsemmi artiklu tal-Kostituzzjoni u jirrizulta wkoll li:

2.3.3.i. Inghata l-perjodu ta' notifika ta' disghin (90) gurnata; u

2.3.3.ii. Inghataw ukoll ir-ragunijiet ghal tali terminazzjoni;

2.4. Illi ghalkemm ir-rikorrenti ma jikkondividix tali ragunijiet, dan ma jikkostitwix raguni valida li twassal ghal sejbien ta' ksur tal-Ftehim t'Ingagg u Prestazzjoni in dizamina;

2.5. Illi ma kissru l-ebda obbligu kuntrattwali jew drittijiet tar-rikorrenti;

2.6. Illi ghalhekk mhumiex responsabbli ghal danni allegatament subiti mir-rikorrenti;

2.7. Illi jirrespingu l-allegazzjoni ta' trattament ingust fil-konfront tar-rikorrenti wara li giet terminata l-hatra tieghu

in dizamina, inkluza l-ghazla tal-kariga ta' Direttur Generali, liema process tmexxa b'mod gust;

2.8. Illi jirrespingu wkoll l-allegazzjoni li agixxew b'mod diskriminatorju;

2.9. Illi ghalhekk l-allegazzjonijiet u talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.10. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2.11. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 210);

4. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata l-25 ta' Jannar, 2017, (ara foll 213), flimkien ma dik tal-intimati datata l-14 ta' Frar, 2017, (ara foll 220);

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

8.1. Illi r-rikorrenti kien mahtur Segretarju Permanenti fil-25 t'April, 2008, b'sehh miz-17 tal-istess xahar, (ara foll 4 u 59);

8.2. Illi l-istess hatra kienet ghall-perjodu ta' tliet (3) snin, (ara foll 4 u 59);

8.3. Illi l-Ftehim ta’ Ingagg u Prestazzjoni *de quo* kien iffirmat fit- 2 ta’ Dicembru, 2008, (ara foll 6);

8.4. Illi l-istess rikorrenti kien riappuntat fl-istess kariga fit-8 t’Awwissu, 2012, b’effett miz-17 t’April, 2011 (ara foll 60 u foll 19);

8.5. Illi permezz t’ittra tas-Segretarju Principali Permanenti datata s-26 ta’ Marzu, 2013, l-istess rikorrenti kien infurmat li minhabba li wara l-elezzjoni generali li kienet ghada kemm saret kienu inhatru Ministri godda kien hemm il-htiega li l-hatra tieghu tigi terminata *ai termini* tal-klawsola numru tlieta (3) tal-Ftehim t’Ingagg u Prestazzjoni, (ara foll 20 u foll 6 rispettivament);

8.6. Illi r-rikorrenti irrifjuta din ir-raguni ghat-terminazzjoni tal-kuntratt tieghu in dizamina;

8.7. Illi *di piu`*, isosstni wkoll li dan irrekalu danni u ghalhekk qed jitlob kumpens relattiv;

8.8. Illi *in oltre* jallega wkoll li sussegwentement sofra trattament ingust meta gie biex jissottometti ruhhu ghal kariga ta’ Direttur Generali;

8.9. Illi fil-mertu, min-naha taghhom l-intimati jsostnu li m’ghamlu xejn nefast kif allegat mir-rikorrenti fil-konfront tieghu;

8.10. Illi huma agixxew biss fil-limiti statutorji imposti fuqhom, u dan, *ai termini*:

8.10.1. Tal-klawsola numru 3 tal-Ftehim t’Ingagg u Prestazzjoni, (ara foll 6);

8.10.2. Tal-artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

8.10.3. Tal-perjodu ta’ disghin (90) gurnata kif stabbilit fl-istess Ftehim u;

8.10.4. Bil-miktub;

8.11. Illi *di piu`*, isosstnu wkoll li ma kien hemm l-ebda trattament ingust fil-konfront tar-rikorrenti wara t-terminazzjoni tal-inkarigu li hu kellu ta' Segretarju Permanenti fic-Civil meta hu ssottometta ruhhu ghall-ghazla ta' Direttur Generali fl-istess korp;

8.12. Illi l-ghazla in kwistjoni saret b'mod gust, trasparenti u skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

9. Illi preliminarjament ghandha l-ewwel tigi indirizzata l-lanjanza tal-intimat Avukat Generali li rrisponda li *stante* li mhux il-legittimu kontradittur, ghandu allura jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, (ara foll 32);

10.0. Illi ghalhekk, fir-rigward ta' din ir-risposta preliminari jinghad sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi l-artiklu 181 B tal-Kap 12 citat mill-intimat partikolari jghid is-segwenti:

> "(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni";

10.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-insenjament tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza ***Tabone Computer Centre Limited vs. Ir-Regolatur tat-Telegrafija Minghajr Fili et***, datata s-***27 ta' Jannar, 2011***, li jghid is-segwenti:

> "Illi l-ligi trid, (artiklu 181B(1) tal-Kap 12), li f'kawzi l-Gvern ikun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, u li l-Avukat Generali jidher biss f'dawk il-kawzi li, minhabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistghu jitressqu kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohrajn", (artiklu 181B(2) tal-Kap 12), (intervent fil-qawsejn ta' din il-qorti);

10.3. Illi l-persuni li jirrizultaw li kienu inkarigati mill-attwazzjoni tal-hatra in dizamina; tar-redazzjoni tal-ftehim *de quo*; u tat-terminazzjoni tal-impjieg in dizamina, kienu biss is-Segretarju Permanenti Principali u l-Prim Ministru;

10.4. Illi jirrizulta ghalhekk pacifiku li l-intimat Avukat Generali kien ghal kollox estraneu mill-istess, u konsegwentement, l-istess Avukat Generali hu estraneu ghall-istess u b'hekk mhux il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi tar-rikorrenti;

10.5. Illi in vista tal-premess l-Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi rigward il-meritu veru u proprju tal-vertenza in dizamina, jinghad sintetikament li dan jikkomprendi zewg lanjanzi, senjatament:

11.1. A. It-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, (ara paragrafu numru tnax, (12.) *et sequitur*); u

11.2. B. L-allegata diskriminazzjoni wara l-applikazzjoni ghall-kariga tar-rikorrenti ghal Direttur Generali, (ara paragrafu numru erbgha u erbghin, (44.), *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

**A. It-Terminazzjoni tal-Impjieg:**

12. Illi l-impjieg tar-rikorrenti jirrizulta regolat mill-kuntratt ta' Ingagg u Prestazzjoni datat it-2 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 6);

13. Illi l-klawsola numru 3 tal-istess kuntratt tghid is-segwenti:

> "The assignment is subject to termination as provided for in article 92 (3) of the Constitution, however, the Government will normally give ninety (90) days notice in writing to the Officer giving reasons for termination....";

14. Illi l-artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipula s-segwenti:

"Is-setgha ta' hatra ta' ufficjali pubblici biex izommu jew jagixxu fil-kariga ta' Segretarju Permanenti u ta' tnehhija mill-kariga ta' persuni li jkunu jzommu jew ikunu qed jagixxu f'dik il-kariga tkun fil-President li jagixxi skont il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku";

15. Illi skont il-klawsola numru 2 tal-istess kuntratt t'ingagg in dizamina jirrizulta li l-ingagg in dizamina kellu validita` ghall-perjodu ta' tliet (3) snin, (ara foll 6);

16. Illi l-imsemmi kuntratt, ghalkemm datat it-2 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 6), gie effettivament fis-sehh b'mod retrospettiv, senjatament miz-17 t'April, 2008, (ara foll 4);

17. Illi ghalhekk l-istess terminu kuntrattwali in dizamina skada fiz-17 t'April, 2011;

18. Illi permezz t'ittra tas-Segretarju Principali Permanenti datata s-26 ta' Jannar, 2012, (ara foll 19), l-istess kuntratt gie imgedded ghal perjodu ta' tliet (3) snin ohra biex b'hekk l-istess rikorrenti inhatar mill-gdid Segretarju Permanenti (Rizorsi u Affarijiet Rurali);

19. Illi permezz tal-istess tigdid il-kuntratt in dizamina kellu jiskadi fiz-17 t'April, 2014;

20. Illi fl-evoluzzjoni naturali tal-hajja demokratika jirrizulta li fl-2013 kien hemm bidla fil-Gvern;

21. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti, flimkien mas-Segretarji Permanenti kollha l-ohra, intalab jirrizenja, (ara foll 55 u 108);

22. Illi r-rikorrenti jirrizulta li permezz t'ittra indirizza lis-Segretarju Permanenti Principali datata t-12 ta' Marzu, 2013, irrifjuta li jissottometti r-rizenja tieghu kif mitlub, (ara foll 48 u 55);

23. Illi konsegwenza tal-istess is-Segretarju Permanenti Principali kien kostrett jittermina l-ingagg tar-rikorrenti bhala Segretarju Permanenti u dan, permezz ta' ittra datata s-26 ta' Marzu, 2013, (ara foll 20);

24. Illi konsegwentement, tenut kont tat-terminu ta' pre-avviz ta' terminazzjoni tal-ingagg ta' disghin (90) gurnata appozitament prefiss fil-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt t'ingagg in dizamina, (ara paragrafu numru tlettax, (13), aktar qabel u foll 6 u 20), jinghad li l-kuntratt t'ingagg tar-rikorrenti fil-kariga specifika ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali intemm fl-24 ta' Gunju, 2013;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi jirrizulta pacifiku li skont il-klawsola numru 3 tal-kuntratt in dizamina l-Gvern zamm is-setgha li jittermina l-ftehim *de quo* qabel ma t-terminu ta' tliet (3) snin hemm prefiss jiskadi, u dan, sakemm jottempora ruhhu mas-segwenti:

25.1. L-artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u

25.2. Jaghti terminu ta' pre-avviz ta' terminazzjoni tal-ingagg ta' disghin (90) gurnata kif normalment jaghmel f'kazijiet simili;

25.3. Jaghti r-ragunijiet ghal tali terminazzjoni;

26. Illi l-istess kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu precedenti gew komunament pattwiti u accettati mill-partijiet – allura anke mir-rikorrenti – kif indikat fil-klawsola numru tnejn (2) tal-istess kuntratt t'ingagg li tistabbilixxi:

> "Subject to the provisions of paragraph 3 hereunder...";

27. Illi *di piu`*, l-istess kunsens tar-rikorrenti ghall-istess hu wkoll ribadit fil-klawsola numru tlieta (3) li tistipula:

> "...The assignment is subject to termination as provided for in article 92(3) of the Constitution...", (ara foll 6 u paragrafu numru erbatax, (14), aktar qabel);

28. Illi fir-rigward tat-tnehhija mill-kariga ta' Segretarju Permanenti il-President ta' Malta:

"... jagixxi skont il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku";

29. Illi fir-rigward tar-rikorrenti jirrizulta assodat li skont ittra datata s-26 ta' Marzu, 2013, il-Prim Ministru issodisfa dan l-obbligu impost fuqu mill-Kostituzzjoni u ikkonsulta ruhhu mal-imsemmija Kummissjoni, (ara foll 172 u 173);

30. Illi skont notament datat ukoll is-26 ta' Marzu, 2013, il-president tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku jirrizulta li permezz tal-firma tieghu fir-rigward, aderixxa ghall-parir lilhu moghti mill-Prim Ministru, (ara foll 174);

31. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll assodat li wara li kien hekk ikkonsulta mal-Kummissjoni in dizamina, l-istess Prim Ministru gab it-terminazzjoni tal-ingagg tar-rikorrenti *de quo* a konjizzjoni tal-President ta' Malta u tah il-parir tieghu li l-ingagg tar-rikorrenti bhala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali kien qed jigi terminat b'effett mill-24 ta' Gunju, 2013, (ara wkoll paragrafu numru erbgha u ghoxrin, (24), aktar qabel u foll 175);

32. Illi l-istess terminazzjoni tirrizulta approvata wkoll mill-President ta' Malta fl-14 ta' Mejju, 2013, (ara foll 175);

33. Illi ghalhekk, ir-rekwiziti tal-artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni jirrizultaw debitament sodisfatti;

Ikkunsidrat:

34. Illi jonqos issa jigi indirizzat it-terminu ta' disghin (90) gurnata pre-avviz li skont il-klawsola numru tlieta (3) normalment jinghata mill-Gvern f'sitwazzjonijiet analogi, (ara foll 6);

35. Illi jirrizulta li l-avviz ta' terminazzjoni in dizamina nghata fis-26 ta' Marzu, 2013, (ara foll 20), u sussegwentement enfazizzat fis-26 ta' Gunju, 2013, (ara foll 176);

36. Illi kif jirribadixxi l-istess rikorrenti fid-deposizzjoni guramentata tieghu datata s-26 ta' Novembru, 2015, ghalkemm fil-perjodu tal-pre-avviz ma inghatax xoghol pero` xorta baqa` jircievi s-salarju

ta’ Segretarju Permanenti dovut ghal dan il-perjodu, (ara foll 168);

37. Illi ghalhekk, ir-rekwizit tal-pre-avviz ta’ disghin (90) gurnata jirrizulta debitament sodisfatt;

Ikkunsidrat:

38. Illi l-ahhar rekwizit li jrid jigi hawn stabbilit hu jekk fit-terminazzjoni tal-ingagg in dizamina jirrizultax li nghataw ragunijiet ghal dan fit-termini tal-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt *de quo*, (ara foll 6);

39. Illi in vista tas-suespost jirrizulta assodat li l-avviz tat-terminazzjoni tal-ingagg tar-rikorrenti hu datat is-26 ta’ Marzu, 2013, (ara foll 20);

40. Illi r-raguni moghtija ghal tali terminazzjoni kienet li dan il-pass ittiehed:

> “...as a result of the changes that have become necessary following the General Elections, and the appointment of the Cabinet Ministers...”, (ara foll 20);

41. Illi fic-cirkostanzi in dizamina din il-qorti hi prekluza milli tidhol fil-mertu jekk dawn kienux ragunijiet tajba jew le ghat-terminazzjoni tal-ingagg *de quo* u dan, *stante* li r-rekwizit fil-Kostituzzjoni hu semplicement dak li ghandha tinghata raguni ghal tali terminazzjoni;

42. Illi ghalhekk, anke dan it-tielet (3) rekwizit, din id-darba naxxenti mill-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt *de quo*, tirrizulta debitament sodisfatta;

43. Illi konsegwenza tas-suespost ma jirrizulta l-ebda ksur kuntrattwali daparti tal-intimati Prim Ministru u Segretarju Permanenti Principali fit-terminazzjoni tal-kariga tar-rikorrenti qabel iz-zmien, u dan, *stante* li jirrizulta li giet segwita l-procedura stabbilita fl-artiklu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dik indikata fil-klawsola numru tlieta (3) tal-Kuntratt t’Ingagg u Prestazzjoni;

Ikkunsidrat:

**B. L-Allegata Diskriminazzjoni:**

44. Illi jirrizulta f'din il-procedura li r-rikorrenti jilmenta ukoll li fl-applikazzjoni minnu sottomessa wara sejha ghall-applikazzjonijiet ghal kariga ta' Direttur Generali, hu sofra minn trattament ingust u diskriminatorju, (ara foll 2);

45.0. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghad-deposizzjoni guramentata tal-psikologu membru tal-Kumitat Konsultattiv ghall-Hatriet Gholja fi hdan ic-Civil datata s-16 ta' Gunju, 2015, li sintetikament irritjena s-segwenti, (ara foll 126):

45.1. Illi hu kien mahtur membru ta' dan il-Kumitat Konsultattiv fil-kwalita` tieghu ta' psikologu industrijali;

45.2. Illi l-aktar zewg applikanti li kienu jidhru kapaci li jottjenu l-kariga ta' Direttur Generali hekk offruta kienu r-rikorrenti u l-konkorrenta l-ohra hemm indikata;

45.3. Illi biex tigi ezaminata l-personalita` tal-istess konkorrenti intuza ezami maghruf bhala s-16PF li hu kejl selattiv li ilu jintuza internazzjnalment u li hu meqjus bhala l-aktar wiehed affidabbli;

45.4. Illi permezz ta' domandi specifici li kandidat jirrispondi l-istess ezami jevalwa hames (5) aspetti principali tar-rispondent senjatament:

45.4.1. it-Tmexxija;

45.4.2. ir-Relazzjonijiet ma' haddiehor;

45.4.3. il-Kapacita` ta' Tehid ta' Decizjonijiet;

45.4.4. l-Inizzjattiva;

45.4.5. l-Adattament Personali;

45.5. Illi bhala psikologu industrijali l-istess jizgura ruhhu li kull kandidat jaqbel mall-profil iggenerat mill-istess risposti;

45.6. Illi ghalkemm iz-zewg kontendenti in dizamina fuq riferiti t-tnejn kellhom profil adattat ghall-posizzjoni in dizamina, jirrizulta li l-kandidata konkorrenti ghar-rikorrenti kellha profil ahjar minn dawk tar-rikorrenti ghal dak li jirrigwarda l-kapi ta' Tmexxija; Tehid ta' Decizjonijiet; Inizjattiva; Relazzjonijiet ma l-ohrajn; u Stabilita` Emozzjonali;

45.7. Illi skont l-istess psikologu industrijali in dizamina kien jidher car li l-konkorrenti in kwistjoni kienet ahjar mir-rikorrenti;

45.8. Illi fl-evalwazzjoni tieghu l-istess psikologu industrijali jissottolinea li ma kellu l-ebda indhil minn persuni ohra;

45.9. Illi l-istess psikologu *de quo* ma giex sottomess ghall-kontro-ezami;

46.0. Illi fir-rigward tal-ghazla tad-Direttur Generali in dizamina fid-disposizzjoni tieghu tas-26 ta' Novembru, 2015, is-Segretarju Permanenti Principali isosstni s-segwenti, (ara foll 132 u 133):

46.1 Illi minn inghata l-kariga ta' Direttur Generali in dizamina ghandu l-kwalifiki kollha necessarji;

46.2. Illi di piu`, ghandu wkoll il-kwalitajiet amministrattivi biex jigi nkarigat b'dan l-oneru;

46.3. Illi l-kwalifiki tal-persuna maghzula ghal dan l-inkarigu jirrizultaw li huma aktar specifici minn dawk tar-rikorrenti;

46.4. Illi l-istess persuna hekk maghzula kienet kemm Agent Direttur Generali kif ukoll Direttur Generali xi zmien qabel ma giet hekk mahtura;

46.5. Illi hadd m'influenza lill-bord tal-ghazla in dizamina;

46.6. Illi l-istess Bord jirrizulta li ma hax in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti irrifjuta li jissottometti r-rizenja tieghu meta inbidel il-Gvern;

47.0. Illi jirrizulta li l-persuna hekk maghzula fil-kariga ta' Direttur Generali in dizamina ghandha diversi kwalifiki akkademici

fosthom *Masters* u zewg (2) Dottorati, u anke specjalizzat fil-Gappun fil-qasam tas-sajd, (ara foll 180);

48. Illi fl-2004 l-istess kandidat konkorrenti ghar-rikorrenti fis-sejha in dizamina kienet *attache*` tekniku fi Brussell;

49. Illi fl-2008 l-istess persuna konkorrenti intghazlet biex tkun Konsulenta mad-Direttur Generali tal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell, (ara foll 180);

50. Illi fl-2011 l-istess persuna konkorrenti kienet mahtura Direttur fl-Affarijiet tal-Konsumatur, (ara foll 181);

51. Illi fl-2012 l-istess kienet mahtura Direttur fl-EUFS fil-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u Aquakultura, (ara foll 181);

52. Illi fl-istess sena indikata fil-paragrafu precedenti l-istess kienet mahtura bhala specjalista fl-hekk imsejjah *D.G. Mare* fi Brussell, (ara foll 181);

53. Illi fl-2014 giet ukoll ufficjalment mahtura Direttur Generali fi Brussell, (ara foll 181);

54. Illi fl-2015 kienet mahtura bhala *Chairperson tal-European Fisheries Control Agency*;

55. Illi giet ukoll nominata mill-Parlament Franciz bl-onoreficenza bl-isem ta' *Decoration Du Merit Marine* bhala rikonoxximent ghal dak li kkontribwiet fis-settur tas-sajd internazzjonali, (ara foll 181);

56. Illi mill-2016 tokkupa wkoll il-kariga ta' Moderatur tal-Mediterran mal-*Food and Agriculture Organisation*, (F.A.O.), tan-Nazzjonijiet Uniti;

57. Illi jirrizulta wkoll li fl-2005 kien inizjat kaz ta' dixxiplina fil-konfront tal-istess konkorrenti ghar-rikorrenti odjern liema procedura kienet pero` irtirata qabel ma beda jinstema l-istess kaz, (ara foll 181);

Ikkunsidrat:

58. Illi fid-dawl tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-istess konkorrenti tirrizulta wkoll aktar ikkwalifikata mir-rikorrenti lanjant fil-qasam partikolari in dizamina tas-sajd u akwakultura;

59. Illi *di piu`* jirrizulta assodat ukoll li l-istess konkorrenti ghar-rikorrenti in dizamina ghandha wkoll ferm aktar esperjenza, anke internazzjonali, mill-istess rikorrenti;

Ikkonsidrat:

60. Illi tenut kont tar-rizultanzi kif fuq elenkati jirrizulta pacifiku li ma jirrizulta assolutament xejn irregolari fl-ghazla tal-persuna li ikkonkorriet mar-rikorrenti ghall-kariga in dizamina;

61. Illi ghal kull buon fini u ghal finijiet ta' kjarezza, f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Joseph Attard vs. EneMalta Corporation***, datata l-***5 t'Ottubru, 2001***, addirittura li tghid is-segwenti:

> "Il-qorti taht l-artiklu 469 (A), bhala qorti ta' revizjoni, ma tidholx fil-kwistjoni ta' kif taw il-marki u ghaliex taw dawk il-marki, u jekk saritx evalwzzjoni tajba tal-kapacitajiet tal-attur. Dawn huma affarijiet li kienu fid-diskrezzjoni ta' min ezamina u din il-qorti ma tidholx fi kwistjonijiet dwar jekk l-ezami kienx tajjeb jew le, jew jekk l-attur jafx ix-xoghol aktar minn dawk li ntaghzlu";

Ikkunsidrat:

62. Illi in vista tal-premess ma jirrizultax li r-rikorrenti sofra xi trattament ingust jew diskriminatorju meta l-bord tal-ghazla *de quo* ha d-decizjoni tieghu li ma jaghzlux biex jinhatar Direttur Generali;

63. Illi ghal kuntrarju din il-qorti hi sodisfatta li effettivament, il-kandidat li eventwalment kien maghzul kien hekk maghzul esklussivament fuq bazi ta' kapacita` akkademika, esperjenza, u atitudini superjuri ghal dawk tar-rikorrenti, liema rizultanzi

jirrizultaw li kienu l-bazi ghad-decizjoni tal-istess Kumitat fir-rigward;

Ikkunsidrat:

64.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li fil-mertu r-rikorrenti naqas li jipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

64.1. Preliminarjament tiddikjara li takkolji l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati rigwardanti l-Avukat Generali;

64.2. Tiddikjara li l-istess Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti;

64.3. Tillibera ghalhekk lill-istess Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju;

64.4. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

64.5. Takkolji t-talbiet l-ohra tal-intimati rimanenti fil-mertu;

64.6. Tiddikjara li l-istess intimati rimanenti ma kissru l-ebda drittijiet civili tar-rikorrenti;

64.7. Tiddikjara wkoll li l-istess intimati rimanenti la trattaw lir-rikorrenti b'mod ingust u lanqas b'mod diskriminatorju;

64.8. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess rikorrenti.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**